**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2019 – Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-566/19 R)**

***(Talba għal miżuri provviżorji – Għajnuna mill-Istat – Proroga tat-terminu – Assenza ta' interess)***

(2019/C 413/67)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Scandlines Danmark ApS (Kopenħagen, id-Danimarka), Scandlines Deutschland GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: L. Sandberg-Mørch, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Georgieva-Kecsmar u S. Noë, aġenti)

### Suġġett

Talba, abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE, intiża għas-sospensjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-każ ta' għajnuna mill-Istat SA.39078 (2019/C) (ex 2014/N) – Id-Danimarka – Il-finanzjament tal-proġett tal-Konnessjoni Fissa tal-Fehmarn Belt (ĠU 2019, C 226, p. 5).

### Dispożittiv

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2019 – ENIL Brussels Office et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-613/19)**

(2019/C 413/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* European Network on Independent Living Brussels Office (ENIL Brussels Office) (Brussell, il-Belġju), Validity Foundation (Budapest, l-Ungerija), Center for Independent Living - Sofia (Sofija, il-Bulgarija) (rappreżentanti: B. Van Vooren and Ł. Gorywoda, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla att tal-Kummissjoni li jirrifjuta li jagħmel interruzzjoni tad-dati ta' skadenza għall-ħlas jew li jissospendi pagamenti marbuta mas-Sejħa għal Proposti BG16RFOP001-5 002"Appoġġ għad-deistituzzjonalizzazzjoni ta' servizzi għall-anzjani u persuni b'diżabbiltà" taħt l-Assi Prijoritarju 5 "Infrastruttura Soċjali Reġjonali" tal-Programm Operazzjonali "Reġjuni fi Tkabbir";